# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**157.** **16 ta' SETTEMBRU 1911.** **IR-RABA SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


## IR-RABA SENA

B'IL ghajnuna t'Alla u ta'l imsieħbin taghna in-« Naħla » b'dana il ghadd sejjra tidħol f'ir-raba sena ta'l ħajja taghha b'ir-rieħ f'il kala'. Burraxc sa'l-lum ma' ŭiċċha rat addoċċ u l-ghedeŭŭa taghha ma ħdeŭx ŭakt ŭieħed biss biex jaraŭha tnin u tmut; iżda *desiderium peccatorum peribit* u ghal sena oħra, minn jibka ħajj, tibka tferfer sgur. M'il ħafna collaboraturi li chienu ŭieghduni ftit ta'l ghajnuna nista nghid li huma fula f'kargha daŭc li bagh-tul xi ħaġa ghall gazzetta; iżda ghad li ix-xoghol collu fuk dahar ŭieħed hu tkil ħafna tkanżaħt u rfajtu u b'il ghajnuna ta'l mara tieghi, li cull tant isserraħni b'xi colonna, ŭasalt biex imlejtha dejjem u bi ħŭejjeġ li disghin f'il mija intghoġbu tasseŭ.

Haġ'oħra seŭŭditli ftit kalbi iġifieri li ħafna minn daŭc li issieħbu biex jaghmluli il kalb ħalli il poplu malti jcollu gaz-zetta li tghallmu u tmixxih il kuddiem ma riedux iħallsu idhom f'buthom ħalli jħallsu dic il miserja ta' ħmistax il ħabba f'il ġimgha. Bosta imsieħbin li jaghmluha tajjeb tasseŭ biex ijħallsu id-disgha irbghajja cull tliet xhur ijġerru ir-raġel sa jghejjuh ŭara biebhom u lilna jneftkulna nofshom spejjes ghaliex cull minn jakdina ijrid jitħallas.

Ħafna nies ta'x-xoghol nakksu l-ispejjes ucoll billi ma haŭn kliegh ta' xejn u l-eŭŭel tiġŭis li jaghmlu, billi ma jaħsbux bħal xi puliti, hu fuk il ħŭejjeġ ta'l lussu u ghalhecc fuk il gazzetti. Ħadd ma jatihom tort u mxeŭ ħafna ta' rġiel actar minn ħafna ċappasa b'il ġistacor.

F'loc daŭna, b'il ftit il ftit, żdiedu ruxxmata msieħbin oħra u li ġeŭ ŭieħidhom meta bdeŭ jakraŭ in-«Naħla» u beda jogħġobhom dac li jcun fiha ghaliex sabuh, chif stkarru ma' bosta, ta' fejda cbira ghalihom u ghall familji taghhom.

B'hecc il-lum l-imsieħbin li ghandna huma sodi u galan-tomi u nistghu nghidu li in-«Naħla» hi mibnija fuk pedament sħiħ ħafna u ghalhecc nitma li ghad tibka ħajja ghal bosta snin oħra ixxerred il ghasel ta't-taghlim bnin taghha ghall ġid ta' cullħadd.

Ma' tul dina is-sena jiena bi ħsiebni ncompli nżomm jiebes ħalli in-«Naħla» issir vera rivista bħal daŭc li hemm f'pajjisi oħra. Billi il poplu li jakra il malti ghadu m'hux imdorri b'dana iżda f'il gazzetta jrid il festi, il baned, il ġlied, in-necroloġiji, il programmi u x'naf jien tlift bosta msieħbin ghaliex katt ma ridt nokghod ghal feħmiet taghhom. Daŭna il ħŭejjeġ bħal ma huma ucoll l-aħbarijiet, id-delitti, id-des-crizjonijiet ta'l festi, il panigirchi u ħŭejjeġ oħra bħalhom huma bħa'n-nar ta't-tiben li jaghmel vampa f'mument u malli jati ftit daħna jintafa ghal collox u ŭieħed jista jkartas f'il gazzetta li jcun nefak is-sold fiha ghaliex ma tcunx ta' l ebda ħtieġa oħra. Hemm min dana jogħġbu ħafna u ghalhecc jaghmel seŭŭa li jissieħeb f'il gazzetti li huma mimlija bih. In-«Naħla» trid tintela bi ħŭejjeġ li jcunu jisŭeŭ il-lum daks minn haŭn gha-

xra jeŭ ħamsin il sena oħra. It-taghlim taghha ma jmut katt u jcunu jistghu jixtarruh uliedcom u ulied uliedcom b'ġid cbir taghhom u ta' pajjishom. In-«Naħla» trid tghallem u tmixxi il poplu il kuddiem u m'hux tghaddilu iż-żmien biss billi taħlihulu fi ħŭejjeġ li ma huma ta' l-ebda fejda, u jecc kieghdin inġibu rumanz minnu il poplu kieghed jitghallem l-isbaħ bcejjeċ ta'l istorja tieghu, u meta nġibu xi poesija naghżlu l-aħjar ġaŭhar ta'l chittieba li ghandna jeŭ li katt chellna.

Bosta kablu ma'l fehma tieghi u kaŭŭeŭli kalbi biex nibka nimxi chif jiena u ghalhecc ma' tul dina is-sena bi ħsiebi ncomplilcom daŭċ il ħafna ħŭejjeġ ta' fejda li bdejt f'is-snin ta' kabel u nibdielcom oħrajn ġodda li jcunulcom ta' ġid cbir chif tixtiek kalbi. Ir-rifda taghcom tkaŭŭili il ghamil tieghi biex nasal fejn tant nixtiek: li ncun sŭejt xi ħaġa ghall ġid ta' pajjisi.

# TLAKKIT.

—Scond il Prof: Maurel il bniedem ma ghandux ijcollu f'ġismu actar xaħam minn ħamsin gramm cull kilo pis, bejn ŭieħed u ieħor ukija u nofs cull ratal u qŭart.

—F'il Ġermanja jintefku ma't-tliet elef miljun marca (xelin) f'ix-xorb f'is-sena. Il Prof: Grate, il Prof: E. Vandervelde, il Prof: Adolf Fick, il Prof: R. Pfeiffer u sitt mitt tabib ieħor olandis collha chitbu li l-alcohol (l-ispirtu) m'hux biss ma jsostnix il ġisem iżda jaghmillu ħsara cbira u l-actar f'il moħħ u kalu li il biċċa il cbira ta'l mardijiet ta'l istoncu huma collha ġejjin m'il misħut xorb.

—Il ġnus ta'd-dinja jitħaddtu bi tliet elef u erbgha u sittin lingŭa, bla ma hemm xejn bżonnhom ghaliex ilsien ŭieħed chien ijcun b'iż-żejjed.

—Reliġionijiet haŭn elf u mitt uaħda.

—Bejn ŭieħed u ieħor jitŭieldu ftit actar milli jmutu. Ghal cull mija li jiżżeŭŭġu ħamsa u sebghin jibkghu ghożżieb. Actar jitŭieldu u jmutu b'il-lejl milli b'in-har. M'il erbgha ŭaħda ta'n-nies ta'd-dinja huma tajjbin ghal l-armi iżda ŭieħed cull elf biss jieħu professjoni.

—Il chelma *bycicle* hi ġejja m'iż-żeŭġ chelmiet griegi *bis* li tfisser *tnejn* u *kuklos* li tfisser *rota* billi il velocipied ghandu żeŭġ roti. L-eŭŭel li bdeŭ jidħru chien f'Pariġi fl-1867 u sena ŭara bdeŭ jużaŭhom f'Londra. Ghal l-eŭŭel biex jimxu chienu jimbuttaŭhom b'il ponta ta' riġlejhom tmiss ma'l art u l-eŭŭel velocipiedi chienu ta'l ghuda. Meta dehru l-eŭŭel darba cullħadd xeghel u baka mistaghġeb chif bniedem sata jimxi fuk żeŭġ roti biss bla ma jaka. Il-lum drah cullħadd.

—Scond it-Tobba Widal u Javal il melħ ta'l ccina m'hux biss ma hemmx bżonnu ma'l ichel iżda jaghmel deni gha's-saħħa. Li ma hemmx bżonnu naraŭ m'il istudju li ghamel Dastre fejn uriena li m'hux il ġnus ta'd-dinja collha jieclu il melħ u li lankas l-annimali collha ma jħobbuh. Sallustju ħalla mictub li in-Numidi ma chienux ijridu jaraŭh biss u Plutarcu jgharrafna li il kassisin ta'l Eġizjani ta'l antic ma chienux jiecluh. F'ir-Russja u f'is-Serbja ta' Fuk ta'l-lum ma jiecluhx u scond l-esploratur C von Ditmar in-nies ta'l Kamxkatka u it-Tongusi ma jridux jafu bih. Il bidŭini ta'l Arabja u il Kirgiżi ta't-Turkestan jidħku meta jaraŭ xi ħadd jeclu ghad li f'pajjishom hemm il melħ. Scond Forel xi nies li damu ghal bosta snin ma jieclux melħ bakghu kaŭŭijin u sħaħ bla ma ġralhom xejn. Jiena ili ma nieclu żmien u ma nħossnix aghar. Scond Laufer l-annimali jistghu jghaddu minn ghajru u scond Lapique il bniedem ijżidu m'hux ghax ghandu bżonnu ghall saħħtu iżda biss ghall toghomtu. Il melħ li indaħħlu f'ġisimna collu joħroġ sħiħ u dana juri li ma jati l-ebda sustanza lill gisem anzi jecc tiecol ħafna jista jnissel bosta mardijiet.

B'dana ma irridx nifhem li il bniedem jista jghix b'saħħtu bla ebda melħ f'gismu; le, ghaliex inchella jimrad b'ħafna gŭaj fosthom l-iscorbut. Biss irrid inghid illi il melħ li jinsab fl-ichel stess chif toħolku in-Natura hu b'iż-żejjed u ma hemmx l-ebda ħtieġa li il bniedem ijżid melħ barrani. Barra minn dana il melħ li hemm f'il ħxejjex per esempju f'it-tadam hu organicu iġifieri jinxtorob m'il ġisem bla ħsara anzi b'ġid iżda dac li nżidu aħna hu minerali u ghalhecc jirrita il ġisem, joħroġ sħiħ u ma jaghmel l-ebda ġid f'il ħin li jista jaghmel ħsara cbira.

—Ġie f'idejja da'l ġranet il ctieb ta' Dr: Whitby imsejjaħ «THE MAKERS OF MEN» u li fih chite bil ħajja ta'l acbar disgha u tletin bniedem li katt dehru m'il ħolkien ta'd-dinja l-haŭn. Scond il fehma tieghu daŭn huma:—

(1) Ġulju Cesri (100 sa's-sena 44 kabel Cristu; (2) CRISTU; (3) S. Paŭl li taŭh il martirju f'is-sena 65 ŭara Cristu; (4) L-Imperatur Marcu Aŭrelju (161. A.D.); (5) Stu. Ŭistin (354 sa'l 430); (6) S. Ghirgor il Cbir (590); (7) Maŭmettu (570-632); (8) Carlu Manju (742-814); (9) San Frangisc t'Assisi (1182-1226); (10) Dante (1265-1321); (11) Leonardo da Vinci (1452-1519); (12) Martin Luteru (1483-1546); (13) Tizjanu il pittur (1477-1576); (14) Cervantes (1547-1616); (15) Lord Bacon (1561-1626); (16) Sir Francis Drake (1546-1596); (17) Galileo (1564-1642); (18) Descartes (1596-1650); (19) Richelieu (1585-1642); (20) Harvey (1578-1657); (21) Cromwell (1599-1658); (22) Spinoza (1632-1677); (23) Gulielmu is-Siechet (1672); (24) Leibnitz (1646-1716); (25) Federicu il Cbir (1712-1786); (26) Mozart (1756-1791); (27) Goethe (1749-1832); (28) Kant (1724-1804); (29) Nelson (1758-1805); (30) Napuljun (1769-1821); (31) Beethoven (1770-1827); (32) Hegel (1770-1831); (33) Sir Walter Scott (1771-1832); (34) Turner (1775-1851); (35) R. W. Emerson (1803-1882); (36) Lincoln (1809-1865); (37) Charles Darwin (1809-1882); (38) Ernestu Renan u (39) Gustavu Flaubert.

Minn dina il-lista naraŭ li ghad li maghmula minn ingliż m'il ħamsa ŭaħda ta'l ismijiet huma taljani.

—Ghala l-itŭal chelma b'il malti hi HMILT? Ghaliex bejn l-eŭŭel u l-aħħar ittra hemm MIL *(h-mil-t)*.

—Irdoppja il ġurnata li fiha tŭielidt; żid sebgha; dac li jiġic immoltiplicah b'50; żid is-snin li ghandec, nakkas 365; arġa immoltiplica dac li jiġic b'mija; żid ix-xahar li fih tŭielidt (Jannar 1, Frar 2, Marzu 3, April 4, ecc.) u żid 1500. L-eŭŭel numru jeŭ l-eŭŭel tnejn ghandhom jatuc il ġurnata li fiha tŭielidt, it-tieni tnejn is-snin li ghandec u l-aħħar tnejn il ghadd ta'x-xahar. Dina tistghu taghmluha b'loghba ħelŭa ħafna. Ġieghlu lil xi ħadd fuk carta fejn ma taraŭhx jicteb dac collu li ghidna fuk u ġieghluh jaticom it-total ta'l aħħar. Minn dana tcunu tistghu tghidulu bla ma tfieħmuh chif meta tŭielid.

—Il famusa tabiba Dra: Joteyko ta'l Università ta' Bruselles (f'il Belġju) fl-aħħar Congress ta'l Veġetarjani li sar fi Bruselles f'ġunju li ghadda kalet li it-tfal li minn tfulithom ma chienu katt mitmugha laħam iżda ħxejjex u frottijiet biss huma daŭc l-actar li ghandhom moħħhom tajjeb u li l-actar jirnexxu fl-ischejjel.

# FIRDA TA' ZEUG' GHARAJJES

*Cantata f'il Carnival m'il Cumpannija ta' Hal Tarxien.)*

IR-RAG'EL

—«Żul minn haūn, żul minn kuddiemi—Contoc iżjed ma ghandix;
Ta' culi lejla b'ix-xenati—Mument qūiet ma thallinix.

Ahrak dinha dic is-siegha,—Li 'l huttab hallimni bic !
Chien ijcun ahjar ghalija,—Chiecu jien katt ma hsibt fic. »

IL MARA

—«Jien, tibżax, ma nokghodx mieghec,—Ĝo dar ommi narġa immur:
Hemmhecc dejjem cont cuntenta—Ma contx naf x'inhu dulur.

Il-lum stess jien niehu hūejjġi—Hall'nuric chif tarfa idejc ;
Jien ghand ommi ma contx żejjda;—Chemm cont belha harist lejc!»

HBIEB IRG'IEL

—«Żeūġ gharajjes ta' d'is-sena—Ghad m'ilhomx xahrejn flimchien,
Gharucaża, bdeū jiġġieldu !—Xejn ma jisthu m'il ġirien. »

HBIEB NISA

—«Mnejn sa fejn jarfa idejh fukha,—u jsaūūatha ghal xejn b'xejn ?
Gharucaża jmissu jisthi—Ghad m'ilhomx flimchien xahrejn ! »

IR-RAG'EL

—«Cont tant qūiet meta cont ghażeb —Chemm jien ibleh tghabbejt bic !
Seūūa jghidu, li'ż-żūieġ loghba—Min katt chien jobsor ghalic !...

Il buccun li niecol maghha—Jinżel toscu f'nofs in-nhar;
Meta 'mmur id-dar biex noftor—Tcun ghad trid tchebbisli 'n-nar.»

IL MARA

—«M'hux tasseū; din klajja tieghec;—Darba biss ġejt ma sibtx lest;
Dic in-nhar, li ġiet tifrahli—Omm ir-raġel ta' Mudest.

Issa kieghda nara seūūa—Li ma nakblu xejn flimchien :
Il-lum stess jien nakbad hūejġi—U 'mmur m'ommi Hal Tarxien.»

HBIEB IRG'IEL

—«Żeūġ gharajjes ta' dis-sena etc.

HBIEB NISA

—«Mnejn sa fejn jarfa idejh fukha...etc.

IR-RAG'EL

—«Xejn la tahseb li tbicchini- Billi tghidli sejjra tmur ;
Iġri biss, m'isbah l'indafa;—Ūiehed minn'na johroġ sgur.»

Ma 'rridx nokghod iżjed mieghec,—Gha'x xabbajtni b'azzjonic;
Li cont naf m'il eūūel x'inti,—Sgur ma contx nitghabba bic. »

IL MARA

—«Da'x-xahrejn li ilna mtejjġa—Ma hdimtx fihom tliet t-ijiem;
Ma'l hbieb tieghec tmur tissacar—U haūn tiġi b'hafna cliem.

Ma 'rridx nokghod iżjed mieghec—Ĝo dar ommi narġa 'mmur,
Li cont naf m'il eūūel x'inti—Lejc ma contx inhares sgur.»

HBIEB IRG'IEL

—«Żeūġ gharajjes ta' dis-sena etc.

HBIEB NISA

—«Mnejn sa fejn jarfa' idejh fukha etc.

IR-RAG'EL

—«Issa ūrejt chemm thobb titghajjar—Ja ġellieda, Isien hażin !
Li chien raġel iehor f'lochi—Chiecu s'issa ghamlec thin.

Chemm haūn nies kieghdin jisimghu,—Jafu jecc jieniex sicran ;
Ma jemmnucx, ghax int giddieba—Lsienec tūil daks ta'x-xitan ! »

IL MARA

—«Ajma j'ommi! lilec jemmnu !—X'naf min minn'na hu ġellied !
Xahrejn shah tferfirni dejjem—Ma ġiex jum li fih kghadt qūiet.

Iva nibka nghid u nxandrec—Sa ma ġismi jieclu id-dud : —
Ma thobbx tahdem, thobb tissacar- -Thobb issaūūat, ja mishut !»

IR-RAG'EL

—« Ej nuric min ke'd jissacar »......

HBIEB IRG'IEL

—«Ar' x'ser taghmel, Lonz, b'idejc »......

IL MARA

—«Halluh jiġi jakbad fija »......

HBIEB NISA

—«Jiftah'ghajnū jhares lejc ! » ...

IR-RAG'EL

—«Żulu, ūarrbu, rġiel erhuni »....

HBIEB IRG'IEL

—«Hallic minnha, okghod qūiet »...

IL MARA

—«Cunu xhud, li ġie jahbatni »...

HBIEB NISA

—«Iva, 'l-lum klajtuh da'l ġlied ? »

RG'IEL U NISA

—«Ma chenitx ghamara tūila—Illi ghammru daūn it-tnejn.
X'fatta nfirdu chiesah chiesah!—Ghad m'ilhomx flimchien xahrejn!»

2 ta' Jannar, 96 DŪARDU CACHIA.

*(M'il «Gazzetta ta'l Poplu.»)*

---

M'il «*Egyptian Evening News*» niehdu dana l'avvis.

## Public Works Department.

*Sudan Irrigation Service.*

NOTICE.

Three surveyors and levellers are required for the Sudan Irrigation Service.

Pay will be 20 to 25 £E. net according to qualifications.

Selected applicants will be required to proceed to the Sudan early in November.

Apply by letter in the first instance enclosing copies of testimonials to the Inspector General of Irrigation, Khartoum, Sudan.

# IL CURA TA'S-SAŬM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

F'il faċċata 44 jsemmi il cas ta' xebba li mardet b'it-**tifojde**. Dr: Dewey saŭŭimha bl-ilma biss u ŭara xahar fieket. Ommha, li daret biha, ricbet l-istess deni. Saŭŭimha ghal xahar ieħor bl-ilma biss ucoll u fieket bħal bintha. Ġara tagh-hom li chienet marida b'it-tifojde u li it-tabib taghha ried ijfej-jakhulha billi chien ijbellghilha ħafna ħalib b'il *whiskey*, mietet.

* * *

F'cas ta **malarja** xbejba damet xahar ieħor ma tieħu xejn u Dr: Dewey fejjak cas ta' malarja ieħor b'**erba ġimghat** saŭm bl-ilma biss.

* * *

Cas ta' **influenza** kaŭŭija li ġiebet sa **bronchite** b'il can-noli ta'n-nifs misluħa. Is-soghla chienet tuħħħxec. **B'sitt ġim-ghat** saŭm il marda fieket ghal collox u sa ghaxar snin ŭara l-influenza ma rabbiet katt gheruk actar. Ijsemmi cas ta' ŭieħed **marid b'sidru** li ghad li it-tabib chien kieghed jitimghu sitt darbiet cull jum chien sar ghadma u ġilda billi l-istoncu ma chienx jiflaħ ijħaddem dac l-ichel u ghalhecc chien jibka ghaddejj dritt. B'is-saŭm ma ñekx iżda taŭŭal ħafna ħajjtu u compla il marda minnghajr dic it-tbatija kalila li chien maħ-kur biha kabel. Meta il marda tcun laħket daħlet il ġeŭŭa ħafna ŭieħed ma ghandux jippretendi li il cura ta's-saŭm ghandha taħtfu m'il kabar. Liema hi dic il cura li ghandhom it-tobba li biha ma jmutilhom ħadd ? Iżda meta dina il cura isserraħ ħafna m'il uġiegh sa jmut il marid, tcun kieghda taghmel ġid bla tarf b'iż-żejjed.

* * *

F'il faċċata 47 ijsemmi cas ta' avucat li chien maghdur tant b'id-deni u sar tant miserja li cull min chien jafu kata kalbu minnu u ma chienx ijħallas ħabba fih li jghix. Iżda ŭara **tliet ġimghat** saŭm ħa tant ir-ruħ li riccheb l-ibnu fuk dahru u niżel bih m'il camra ta's-sodda u sar donnu ŭarda m'il ġdid.

* * *

F'il faċċata 55 Dr: Dewey ijsemmi il cas ta' Mrs A. M. Lichtenhahn li chienet ilha is-snin il cbar maħkura minn uġiegh fl-istoncu u f'rasha kaŭŭijin ta' cull jum u attacchi nervusi. Samet ghal **sitta-u-tlietin-ġurnata** u fieket ghal collox b'mod li sa sitt xhur ŭara ma reġghet ħasset katt xejn minn dac li chienet tant batuta bih kabel. Ma tul is-saŭma bakghet takdi l-affarijiet taghha u fl-aħħar jum marret ghand id-dentista takla darsa bla ma beżghet xejn bħal ma chien jiġrilha dejjem kabel. Tilfet b'collox ma'l ghoxrin libbra biss.

* * *

F'il faċċata 95 jsemmi il cas ta'r-Reverendu W. E. Rambo ta'l Indja li ŭara li marad b'id-deni tifu imsarnu bakghu hecc misluħa li chien ijneħħi minn ŭara ħafna demm cull jum. Tchellem, ghal xejn, ma' xi seba tobba u ŭieħed minnhom or-dnalu jiecol sa SITT DARBIET CULL JUM ! Dr: Dewey ġieghlu jsum ghal xi ħmistax u ŭara beda jatih b'il mod il mod biss ichel ħafif u sustanzjus biex ma jisloħlux imsarnu m'il ġdid sa ġiebu jiecol collox bla tbatija ta' xejn. Dr: Dewey jis-gurana li: «*There are no cases of hemorrhoids not malignant in character, in which total relief will not be the result if fasts are long enough;*» iġifieri li jecc ŭieħed ijsum chemm hemm bżonn ghandu jfejjak il morliti li jcollu. «*No cases of anal fistula that will not finally close if they can have that rest from violence that is their only need:*» li l-ebda cas ta' fistla ma tibka li ma tfiekx jecc ŭieħed jatiha dac il mis-triħ li ghandha bżonn. «*and equally all ulcers and fissures that make life a history of torture*; u l-istess ijfieku l-ulceri u il ksim li jġieghluc iġġarrab tant uġiegh f'il ħajja. «*No case with structural disease of any part of the digestive tract not malignant has yet come under my care in which there has not been a cure, or in which there has not been a cure in sight.* Ijghid ucoll li il biċċa il cbira ta'l mardijiet ta'l istoncu u ta'l imsaren ijfieku taħt din il cura jeŭ ijghaddu ħafna ghal l-aħjar. Mela f'cull marda li jcollcom m'il ħalk sa'l morliti ma hemmx cura aħjar ghaliha milli isserħuha b'saŭma bħal ma isserħu chisra jeŭ katgha b'sicchina. «*Through a fast we may let the diseased parts in the digestive tract rest as we would a broken bone or a wound on the body.*

* * *

Upton Sinclair, f'il ctieb tieghu li ġa semmejna «THE FASTING-CURE,» faċċata 101, ijgharralna li ġabar **277** cas ta' saŭm imkassmin hecc: 90 samu ghal minn ħamsa sa ghaxar t-ijiem, 51 minn ghaxra sa tlietin u 6 fuk it-tlietin jum; l-oħ-rajn ma jghidx chemm. Fuk 117 li chitbulu chif marru, 100 gharrfuh li fieku ghal collox u 17 kalu li bakghu chif chienu, actarx ghax ma ghamlux is-saŭma tŭila chemm chien hemm bżonn jeŭ ma chienux jafu chif jaghmluha seŭŭa. Oħrajn kalu li chisruha ħażin u b'hecc gharrku il ġid collu ta's-saŭma. X'uħud kalu li ŭara reġghu bdeŭ ijħaxilfu fl-ichel u b'hecc ircadaŭ f'il marda li chellhom. Il biċċa il cbira ta's-17 il cas li ma fiekux is-saŭma ma chienetx ghal actar minn tlieta sa erba t-ijiem u bosta mardijiet ijridu tlietin jeŭ erbghin ġur-nata biex ijfieku.

Fost il 100 li fieku chien hemm 45 cas li kalu x'chienet il marda, it-tobba stess. Fieku m'il mard ta'l istoncu imsejjaħ *dispepsja* b'in-nervi b'collox tant coroħ li tcarcar dejjem maghha dina il marda 27 ŭieħed; m'ir-reŭmatismu, 5; minn irjieħ kaŭ-ŭija 8; m'it-tubercolożi (marsuttin), 4; m'il *costipazjoni* (iġi-fieri tipporga cull tant u b'it-tbatija), 14; anemija (fakar ta'd-demm), 3; uġiegh-ta'-ras kaŭŭi, 5; ħedla ta'l kalb u ghalhecc id-demm jiġri b'il mod u ma jsostnix b'iż-żejjed il ġisem, 3; scorfula (ħnieżer), 1; mard f'il cannoli ta'n-nifs imsejjħin bron-chi, 5; sif....., 1; gheja ma'l ġisem collu, 5; rieħ b'id-deni, 1; avvelenament ta'd-demm, 1; riġel miġrugh, 1; nevrastenija, 6; atassja locomotrici (bħal ñilġa f'ir-riġlejn), 1; xatca, 1; asma, 2; cotra ta' acidu uricu, 1; mard ta'l kamar, 1; nefħa f'is-sider bl-ilma, 1; imsaren misduda, 1; eċżema (ħżieża,) 2; catarru, 6; appendiciti (tinsadd u tintefaħ biċċa m'il musrana imsejjħa *appendici vermiformi*, 3; mard f'il valvoli ta'l kalb, 1; nukkas ta' rkad cbir (insonnja) 1; avvelenament b'il gas, 1; influenza kaŭŭija (grippe), 1; carcer, 1. Minn dana naraŭ li ftit huma il mardijiet li fihom is-saŭm ma jaghmelx xi ġid. Dr: Dewey ijsemmi SITT casi ta' MARD TA'L-KAMAR li fieku ghal collox b'is-saŭm ghad li b'il medicini ma ghadu fiek seŭŭa l-ebda bniedem. L-istess tabib ġa semmielna casi ta' ġenn, bħal ma chien il cas ta' Miss Kuenzel, li fieku b'il cura ta's-saŭm. Meta lil Sinclair stakseŭh f'liema mardijiet ŭieħed ghandu jsum biex ijfejjakhom ŭieġeb (faċċata 75): — «*I recommend it for all diseases of which I have ever heard, with the exception of one in which I have heard of bad results—tubercolosis,*» iġifieri f'il mardijiet collha barra m'il marsuttin. Iżda hu stess ghadu chif semma **erba** casi ta' nies li chitbulu li fieku minnha b'is-saŭm u Dr: Hazzard, f'il ctieb taghha «*Fasting for the cure of disease*» issemmi cas ieħor. Mr: Macfadden li ghandu, f'Cicago, sanatorju biex fih ijfejjak in-nies b'is-saŭm hu cuntrarju ucoll. Jiena naħ-seb li ŭieħed kabel jintriga ghandu jara seŭŭa il marda fejn tcun ŭaslet u m'hux ijbaghbas addoċċ. (*Tissocta.*)

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

( *Jissocta minn numru ta' kabel.* )

Sidor, b'il ħleŭŭa tiegħu, sar it-telfa tagħhom ilcoll u Rużanna u Marija chienu il ġurnata chemm hi tŭila jżengluh u jnaddfuh imgħoxxija ŭarajh; u tant compleŭ rabtu klubhom miegħu li talbu u raħħmu ħafna lil Ħamid biex ijħallihulhom jieħdu ħsieb tiegħu huma; u dana, għad li chien ijħobbu daks il mimmi ta' għajnejn, ma kalx le biex it-tfajjel ijcun merħi f'idejn tajjba sa jitfarfar ftit u ma jcollux moħħu dejjem imxeblec ŭarajh f'il caċċa kalila li chien bi ħsiebu jagħmel ŭara il chiefer De Saqueville.

Issa Ħamid chien jista jidħol u joħroġ chemm ijrid għand ta' Falzun billi ma bakax micsur ma' Ambroġ u chien jidħol ucoll actar b'il għalla merfugħa għaliex ma chienx actar l'irsir mirfus tagħhom iżda ŭieħed minn ta'd-dar stess. B'hecc chien jista jara u jistgħalli chemm ijrid lil Sidor bla ma chellu l-ebda ħtieġa li jokgħod jtakkal moħħu biex ijżommlu l-imreddgħa miegħu u meta joħroġ hu ijrid jitilku ŭaħdu f'idein il barranin.

Għaldakstant, billi Sidor chien ilu xi xahar miftum, bagħtu l-imreddgħa u ħadet ħsiebu, bħal binha, Rużanna Falzun. Ħamid ħasibha, li, biex jasal fejn chienet kiegħda tberrinlu rasu ħalli jcun jista jitħallas m'il Cavalier, ma chienx jakbillu li jokgħod f'darhom hu ucoll u għalhecc malli temm il jiem ta'l vistu telak lejn dar is-Sur Kalamias li issa chienet saret daru b'cull ma chien fiha m'il għatba il ġeŭŭa.

L-eŭŭel ħaġa li ħa għamel hecc chif telak minn għand ta' Falzun chienet li jmur il Catidral u jinxteħet jitlob fuk iż-żeŭġ kobra għeżież li fihom chien hemm miġbura l-iġsma ta' daŭc li tant chien ijħobb u ħabbeŭh—il Ħachem u Carmena f'kabar u ommu ma ix-xŭejjaħ Kalamias fl-ieħor ta' ma ġenbu. Dac it-talb li chienet għallmitu Carmena fi tfulitu collu ftacru u collu tennih bi ħrara l-actar cbira ŭara li xerred xmara sħiħa ta' dmugħ. Minn hemm baka dieħel dlonc sa'l Cunvent fejn sab lil Patri Damjan u talbu li jagħmel chemm jidħirlu kuddies u talb għall ruħhom bla ma jokgħod ijleħħ xejn; u dana ŭieġbu li hu chien ġa minn kalbu għamel ħafna biex ma jħalli-homx ijbatu għall ħtijiethom. Lil dana it-tŭajjeb u għaref patri Ħamid ma telku katt u chien ġejj u sejjer ta' sicŭit ħdejh biex jitfarraġ miegħu f'cull ma chien jiġrilu u biex jieħu dejjem xi ftit ta'd-daŭl minn għandu għal cull saram ta'l ħajja li chien ijsib ruħu imbixchel fih.

Meta kara it-testment ta's-Sur Kalamias sab li ħallielu biex ijgħix seŭŭa u li għalhecc ma' chellu bżonn jtcser ras ħadd actar. Ta, b'il ferħa, lil ta' Falzun, lil Patri Damjan, lil Baruni Gaŭci u l'it-Tabib Xara daŭc it-tifchiriet li chien ħal-lielhom ix-xŭejjaħ u xi ħŭejjeġ oħra li ma chienux mictubin ucoll billi xamm li chienu għoġbuhom. Kabeż kabża sa Musulmet biex jara ftit x'chien għadda minn Fatma li issa chien jaf min hi seŭŭa u li ried juriha kalbu xi ftit għal chemm chienet ŭakfet miegħu u m'ommu Colina.

Minn dic inhar ta'l praspura ta' Carmena Fatma ma chienetx ratu actar u għalhecc ferħet bih bla tarf. Stagħġbet meta sabet li hu chien jaf farca b'farca il ġrajja tiegħu collha u hi kaltlu li katt ma tarrfitlu xejn fuk hecc għaliex dic chienet ix-xeŭka t'ommu u hi katt ma riedet ticser dac li chienet ŭiegħditha fuk soddet-meŭtha. Sabha collha imniccta għaliex f'daŭc il ftit xhur il chiefra Meŭt chienet żaret ucoll darha bl-icreħ u chienet ħallietha f'id-dinja ŭieħidha bi tfajjla ŭaħda biss li chienet dejjem marida. Biex ma tħallihiex ŭieħidha chienet titlef ħafna xogħol u b'hecc chienet għoddha traddet ta' fukha sendukha. Ħamid ġietu tant ħniena minnha li ħaj-jarha titlak darha għal collox u b'hecc teħles m'il chera u tinġabar miegħu biex iddur bih f'daru ġeŭŭa l-Imdina. Fatma ratu anġlu dac il ħin għaliex chien ilha ħafna ġranet ittalla u tniżżel fejn sejjra tmur tinxteħet b'bintha b'collox biex ittemm dic il ħajja mxuma * tagħha darba għal dejjem, u għalhecc niżlet għa'r-rcopptejha fl-art u żżietu ħajr b'chemm sabet ħrara f'kalbha u f'fommha għall ħniena cbira tiegħu lejha, Ħamid tfixchel, sabbarha, ħareġ ġieb caless, tellagħhom miegħu f'daru, mar ġieb l'it-Tabib Xara biex jieħu ħsieb bintha li chienet saret għadma u ġilda u reħa f'idejn Fatma ftit gordi seŭŭa biex ijcollha x'tonfok ħalli iddur daŭra ma dŭarha.

Dic l-imsejcna tfajla damet ma ntrefgħet m'il fakar u il għera tagħha u għalhecc għad li Fatma għamlet cull ma setgħet biex iżżommha ħajja ma irnexxielhiex billi mietitħilha ftit ġranet ŭara. B'hecc Fatma sfat ŭieħidha, u bakgħet iddur b'Ħamid b'għożża cbira billi chienet għadha tħobbu daks li chiecu chien binha.

Ħamid, ftit ġranet ŭara, niżel sa'l Birġu biex ijgħid lil Smeralda, l-armla ta' ħu is-Sur Kalamias, li ix-xŭejjaħ karibha chien miet u biex ijneŭŭlilha il għokda flus li chellha mictuba f'it-testment. Billi Smeralda, m'il meŭt ta' żeŭġha l-haŭn ma chienetx kiegħda tgħum fl-ilma ta'l ŭard ferħet b'Ħamid bla tarf iżda ferħet ŭisk actar b'daŭc il flus li ħallielha dac il kalb tajjba ta' Kalamias. Ŭara li tchellem f'it-tul fuk il għamil ħanin ta's-Sur Ġann, Ħamid ħareġ u chif chien hemm berrinlu li jati dakka ta' għajn sa għand Ŭenza biex jara jecc chienetx ŭaslet xi aħbar ġdida minn Franza ta' dac is-sensafidi ta' De Saqueville.

Il kaddejja ta'l Cavalier ferħet bih bla tarf u actar meta semgħet li ŭiret chemxa seŭŭa u li issa għandu rajh f'idejh. Raħħmitlu chemm felħet biex jiġborha miegħu ħalli iddur bih hi, iżda Ħamid kallha li chien ġa kala kaddejja tajjba, lil Fatma, u li għalhecc, sa chemm tibka hi, ma satax jaktgħilha xeŭkitha. Żerżak il cliem fuk il Cavalier u dina għar-fitu li il Gran Mastru chien chitiblu biex jarġa jdaŭŭar denbu lejn Malta billi chien ilu imsieħer ŭisk u billi f'pajjisu chien kiegħed jagħmel ŭisk actar ħmierijiet milli chien jiżżarġan taħt imnieħer it-tŭajjeb La Cassiere stess. Meta chellu jasal ma chienetx għada taf seŭŭa għaliex ma għarrafhiex, biss fl-aħħar ittra li bagħat lill Balliju De Goutre chien talbu biex ijŭiddibha li tħejjilu daru minn collox għall miġja tiegħu. Ħamid ferħ bla tarf b'dina il bxara għaliex b'hecc hu u Ambroġ chienu jcunu jistgħu fl-aħħar ijdaħħluh ġo'l mansba u jitħallsu minnu f'dakka ta' chemm imrar u nichet seŭŭeb bla ħniena fuk l-imsejcna rjushom. Sellem lil Ŭenza, ħareġ u telak ċaklem, ċaklem ma'x-xatt ix-xatt għa's-Sirena biex jara minn hemm jistax jiġbor xi ftit aħbarijiet aħjar. Malli ŭasal il beŭŭieb feraħ bih bla tarf billi chien ilu ħafna ma jarah, daħħlu f'il cmajra tiegħu u ma hemmx bżonn ingħidu li il cliem ŭaħdu ŭaka fuk dac il minglul ta' De Saqueville. Il beŭ-ŭieb kallu li sama lil Balliju De Goutre jitħaddet ma' xi Cavalieri fuku u li dana għarrafhom li sa ġimgħa oħra De Saqueville chellu jcun haŭn u li chellu jkatta l-eŭŭel ġranet f'il villa ta's-Sirena magħhom biex ijpattilhom għal dac li chien ilu niekes minn fosthom. Kallu ucoll li ftit żmien kabel De Goutre chien bagħtu l-Imdina biex jitchixxiflu xi ħaġa fuk Ambroġ u fuk bin Carmena għaliex De Saqueville ried xi aħbarijiet tagħhom sensaltru, iżda kallu li ma nkediex billi ma sabx lil Ħamid biex ijtarraflu xi tentufa fukhom hu. Kallu li De Goutre ftacar fih u semmih ħafna biex jakdih f'd'il praspura iżda ma iżżarġanx li jibgħat għalih billi ma chienx jaf seŭŭa jecc għadux micsur ma' Ambroġ jeŭ le.

Ħamid meta sama dana il cliem sfar, ħass xofftejh jirtogħdu u f'il ħin li leħħ ħsieb icreħ ġo moħħu kallu:—«Għadni u nibka sa'l meŭt għaliex dac il chelb ta' fizzjal m'il borma t'oħtu baka jobgħocni u jbejjitni dejjem u jecc għadu ma tanix il fula ma nakasx minnu iżda għax għaraft dejjem żlakt minn taħt difrejh jien....»

—«U bin Carmena x'sar minnu?» staksih b'il ħrara il beŭŭieb.

—«Baka, baka sa ħaduli minn taħt idejja» ŭieġbu Ħamid ta' b'ir-ruħu imnicchet. «Min jaf issa x'sejjer jagħmel bih ? !.... sgur li jgħid li marad u miet»........

* *miserabbli.*

## THE BRITISH CONFECTIONERY
### 16F STRADA FLEUR-DE-LIS 16F
### BIRCHIRCARA.

Ngharrfu lil clientela taghna illi dana id-depost ta'l ħelu ma ghadux izjed fil Vallone-Birchircara, imma m'il-lum il kuddiem jinsab għal cumdità ta' cullħadd fi Strada Fleur-de-lis No. 16F, (kuddiem li' Stazjon ta'l Ferrovija.)

Jinsab armat pulit, nadif u fornit b'cull xorta ta' Gallettini, Perlini, Cioccolati, Mustardini u minn cull xorta ta' ħelu ieħor.

Jinsab ucoll Sapun ta's-Sunlight u ta'l Carbolic u lamtu, Cocotina u oggetti oħra, li jinbighu l'a ngrossa, bl'uzin u bl-imnut ucoll.

Inservu bl'aħjar TE' ta' «Ceylon» li hu ippremjat b'bosta midalji ghall qualità superjuri tieghu.

Collox frisc, fin u garantit Inserau lill ħùienet ta'l Belt u ta'l Campanja, ta' Malta collha, u il prezzijiet huma moderati tasseù. Ippruvaù u tarau il verità.

Giuseppe Fenech & Co.—Proprietarji.

### SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseù.**

*Sejjer Johrog'*

## IR-RUH NISRANIJA
## KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT
### SIEGHAT TA' ADORAZJONI
TA'L
### CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.
TA GHAÙDEX.

Dina l-eùùel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eùùel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħroġha. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jictep ucoll lili jeù lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Għaùdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'
## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB
GHAL
### KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU
## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL
### GHAND L'AGENTI F'MALTA
# C. CAMILLERI & SONS
## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt
### CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ rŭieħhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEŬ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

## METAL POLISH "PHONIX"

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEŬ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is=seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il=lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in=nervi u l=actar b'il misħuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużaħ.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**